MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

## Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 798/2016LM

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea (ID numru 34356G)**
**bħala mandatarju tal-imsiefer Mario Schembri**

***vs.***

**Rosina Schembri; Carmel Schembri; Joseph Schembri; Sinitio sive Sintheo Schembri; u Teddy Schembri. B'nota tas-27 ta' Settembru, 2016, Joseph Schembri aċċetta l-bandu bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin Nazzareno Schembri; Giuseppa mart Victor Wand; Rocco Schembri u b'nota tat-3 ta' Ottubru, 2016, Giacinto sive Sintio Schembri aċċetta l-bandu bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Paul Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Settembru, 2016, mill-attur l-avukat Dottor Carmelo Galea (ID numru 34356G) bħala mandatarju tal-attur imsiefer

**Mario Schembri** (minn issa ’l quddiem “l-attur”), u maħluf minn Dr Carmelo Galea stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi Anthony Schembri, diġà pensjonant, bin il-mejtin Rocco u Angela née Camilleri imwieled u diġà residenti ż-Żurrieq, Malta, miet fit-tletin (30) ta’ Novembru, elfejn u sebgħa (2007);*

2. *Illi Anna sive Annetta mart l-istess Anthony Schembri, bint Carmel Farrugia u Anna née Bugeja imwielda u residenti Żurrieq, Malta, mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Awwissu, elfejn u erbgħa (2004);*

3. *Illi lill-konjugi Schembri issopravivewhom l-għaxart (10) uliedhom, il-kontendenti;*

4. *Illi mir-riċerki testamentarji mwettqa fuq id-decuji jirriżulta illi huma suppost irrediġew diversi testmenti sabiex jirregolaw is-suċċessjoni tagħhom, u ċjoé: wieħed fit-tletin (30) ta’ April, elf disa’ mija disgħa u disgħin (1999) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja; ieħor tas-sittax (16) ta’ April elf disa’ mija sitta u disgħin (1996) fl-atti tal-istess Nutar; ieħor fid-dsatax (19) ta’ Jannar elf disa’ mija ħamsa u disgħin (1995) ukoll fl-atti tal-istess Nutar; ieħor tal-erbgħa (4) ta’ Marzu elf disa’ mija ħamsa u sebgħin (1975) fl-atti tan-Nutar Franco Pellegrini; u ieħor fit-tnejn u għoxrin (22) ta’ Mejju elf disa’ mija wieħed u sebgħin (1971) fl-atti tal-istess Nutar Pellegrini;*

5. *Illi l-aħħar testment illi suppost sar mill-konjugi Schembri, dak tat-tletin (30) ta’ April, elf disa’ mija disgħa u disgħin (1999) fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja kien ġie ddikjarat null u bla ebda effett u dan għar-raġuni illi dan it-testment mhux iffirmat mis-suppost testatriċi Anna Schembri*[1] *u għalhekk huwa nieqes mill-formalità essenzjali u rikjesta ad validitatem skont l-artikolu 28(1) (k) sub-paragrafi (i) u/jew (v); u l-artikolu 40 tal-Kap. 55 tal-Liġijet ta’ Malta u dan bis-saħħa ta’ sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-erbatax (14) ta’ Jannar elfejn u għaxra (2010) fl-atti tal-kawża fl-istess ismijiet, Rikors Ġuramentat Nru. 705/2009;*

6. *Illi inoltre t-testmenti tas-sittax (16) ta’ April elf disa’ mija sitta u disgħin (1996) fl-atti tal-istess Nutar Mario Bugeja, u l-ieħor tad-dsatax (19) ta’ Jannar elf disa’ mija ħamsa u disgħin (1995) ukoll fl-atti tal-istess Nutar huma ukoll nulli u bla ebda effett għaliex dak in-nhar illi suppost saru dawn it-testmenti Anna Schembri kienet affetta serjament bil-marda tal-Alzheimer’s Disease b’tali mod u manjiera illi hija ma kinitx fil-pussess tal-fakoltajiet mentali tagħha u ma kinitx kapaċi tagħmel testment, kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

   *Għidu għalhekk intom konvenuti għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

[1] Korrezzjoni awtorizzata b’digriet tat-13 ta’ Frar, 2017.

1. *Tiddikjara li t-testmenti fuq imsemmija tal-konjugi Antonio u Annetta Schembri tas-sittax (16) ta' April elf disa' mija sitta u disgħin (1996) fl-atti tal-istess Nutar Mario Bugeja; u l-ieħor tad-dsatax (19) ta' Jannar elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) ukoll fl-atti tal-istess Nutar huma wkoll nulli u bla ebda effett.*

*Bl-ispejjeż kontra tagħkom.*

*Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu inġunti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Rose sive Rosina Schembri** (ID numru 548642M), **Carmel Schembri** (ID numru 544341M)**, Joseph Schembri** (ID numru 172244M), **Giacinto sive Sintio Schembri** (ID numru 10859M) u **Teddy Schembri** (ID numru 54163M)**,** li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Ottubru, 2016, u maħlufa minn Rose Schembri stess. B'nota tas-27 ta' Settembru, 2016 Joseph Schembri aċċetta l-bandu biex jidher f'dawn il-proċeduri bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-konvenuti msefrin **Nazzareno Schembri**, **Giuseppa mart Victor Wand** u **Rocco Schembri** u b'nota oħra tat-3 ta' Ottubru, 2016, Giacinto sive Sintio Schembri aċċetta l-bandu biex jidher f'dawn il-proċeduri bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-konvenut imsiefer **Paul Schembri**. Fir-Risposta Maħlufa tagħhom il-konvenuti eċepew:

1. *Illi l-fatti kontenuti fl-ewwel sal-ħames paragrafu tar-rikors ġuramentat ma humiex kontestati;*

2. *Illi fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat il-fatti hemm kontenuti huma kontestati billi t-testaturi kienu t-tnejn f'sensihom u ben konxji ta' dak li qegħdin jagħmlu u jekk qed tiġi allegata xi inkapaċità fit-testaturi huwa r-rikorrent li jrid jagħmel il-prova ta' dan, u fi kwalsiasi każ tali inkapaċità ma tirriżultax mill-fatti billi t-testaturi kienu kapaċi li jiddisponu minn ġidhom u jittestaw fil-mument meta huma għamlu t-testment tagħhom;*

*Illi għalhekk l-eċċipjenti qegħdin iqajmu s-segwenti eċċezzjonijiet:*

*Fir-rigward tal-intimati kollha ad eċċezzjoni ta' Rosina Schembri dawn jirrimettu ruħhom għal dak li tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti u huma ma għandhom ibatu l-ebda spejjeż f'dawn il-proċeduri:*

3. *Fir-rigward ta' Rose Schembri din teċċepixxi s-segwenti:*

    1. *Preliminarjament illi r-rikors huwa irritu u null għaliex it-talba ma fiha ebda kawżali;*
    2. *Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk il-kawżali għall-pretiża nullità hija l-inkapaċità tat-testatriċi din ma hijiex sostnuta mill-fatti billi t-testatriċi kienet pjenament kapaċi li tittesta fid-data li għamlet it-testment tagħha u l-kondizzjoni għal liema jagħmel referenza l-attur issopravjeniet żmien konsiderevoli wara li hija għamlet it-testment; u fid-data tat-testment hija ma kienet affetta bl-ebda inkapaċità jew mard mentali u għalhekk it-testment minnha magħmul kien wieħed validu u rit u fi kwalsiasi każ l-oneru tal-prova tal-inkapaċità tat-testatriċi tispetta unikament u esklussivament lill-attur;*
    3. *Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikors huwa null fir-rigward tat-testmenti magħmula minn Anthony Schembri għaliex fir-rigward ta' dan l-aħħar ma hemm ebda kawżali ta' nullità kwalsiasi dedotta fl-att tar-rikors, u ċertament ma jistax ir-rikorrent jippretendi li l-allegata kondizzjoni ta' Anna Schembri, li hija fi kwalsiasi każ kontestata, setgħet b'xi mod teffettwa l-validità tat-testment magħmul minn żewġha;*
    4. *Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għall-premess ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li d-dispożizzjonijiet testamentarji magħmula minn Antonio Schembri huma validi u jorbtu fuq il-partijiet.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Ġunju, 2018 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur bl-iskop li jikkontesta żewġ testmenti magħmula mill-ġenituri tiegħu Antonio u Anna, drabi oħra Annetta, konjugi Schembri, illum defunti t-tnejn, liema testmenti saru fl-atti tan-nutar Mario Bugeja, wieħed fid-19 ta' Jannar, 1995 u l-ieħor fis-16 ta' April, 1996. Testment ieħor li kien sar mill-konjugi Schembri fit-30 ta' April, 1999, ukoll fl-atti tan-nutar Mario Bugeja kien ġie ddikjarat null mill-Qorti minħabba f'difett fil-formalità rikjesta mil-liġi, u dan wara li nstab li l-firma b'salib tat-testatriċi Anna sive Annetta Schembri ma kinitx ġiet attestata kif trid il-liġi.

L-attur jikkontendi li ż-żewġ testmenti li qiegħed jittenta jimpunja huma nulli minħabba li t-testatriċi Anna Schembri kellha l-marda tal-*Alzheimer's Disease* fiż-żmien li fih saru dawn it-testmenti, u għalhekk hija ma kinitx fil-pussess tal-fakultajiet mentali kollha tagħha.

Il-konvenuta Rosina Schembri min-naħa tagħha eċċepiet li mhux minnu li Anna Schembri kellha din l-infermità fiż-żmien li fih għamlet dawn it-testmenti. Qalet ukoll li dawn it-testmenti ma jistgħux jitqiesu nulli fir-rigward tad-dispożizzjonijiet magħmula mit-testatur Antonio Schembri stante li fil-konfront tiegħu ma ġiet iċċitata l-ebda kawżali ta' nullità, u għalhekk id-dispożizzjonijiet magħmula minnu huma validi u jorbtu. Fl-istess ħin il-konvenuta Rosina Schembri kkontestat dak allegat minn ħuha, l-attur Mario Schembri, li ommha kellha infermità mentali li kawża tagħha ma setgħetx tiddisponi b'testment.

## Provi u riżultanzi

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attur esebixxa kopji taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Antonio Schembri[2] u ta' Anna sive Annetta Schembri[3], kopji tar-riċerki testamentarji kemm dwar testmenti pubbliċi[4] kif ukoll dwar testmenti sigrieti[5] fir-rigward ta' Antonio u Anna sive Annetta Schembri, kopja tat-testment *unica charta* tal-konjugi Schembri bid-data tas-16 ta' April, 1996 fl-atti tan-nutar Mario Bugeja[6], kopja tat-testment *unica charta* tal-konjugi Schembri bid-data tad-19 ta' Jannar, 1995 fl-atti tan-nutar Mario Bugeja[7], kopja tat-testment tal-4 ta' Marzu, 1975 fl-atti tan-nutar Franco Pellegrini[8], u kopja tat-testment tat-22 ta' Mejju, 1971 ukoll fl-atti tan-nutar Franco Pellegrini[9], u kopja tal-prokura tal-attur Mario Schembri, li jirrisjedi fl-esteru[10] u kopja ta' rikors għall-ħruġ tal-bandi sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuti imsefrin Nazzareno Schembri, Giuseppa mart Victor Wand, Rocco Schembri u Paul Schembri fl-atti ta' din il-kawża.[11]

Il-Qorti rat l-*affidavit* tal-attur **Mario Schembri**[12], residenti ġewwa l-Kanada, li qal li hu s-seba' wieħed fost għaxar aħwa, ilkoll ulied Antonio u Anna sive Annetta Schembri. Hu qal li minkejja li kien ilu jgħix il-Kanada mill-1973, hu żamm kuntatt ma' Malta u kien jiġi b'mod regolari jżur lill-ġenituri tiegħu. Qal li hu kien ġie Malta f'Lulju tal-1994, u li f'dak iż-żmien ommu Anna sive Annetta

[2] *A fol.* 4 tal-proċess.
[3] *A fol.* 5 tal-proċess.
[4] *A fol.* 6 *et seq*. tal-proċess.
[5] *A fol.* 14 tal-proċess.
[6] *A fol.* 16 tal-proċess.
[7] *A fol.* 18 tal-proċess.
[8] *A fol.* 20 tal-proċess.
[9] *A fol.* 22 tal-proċess.
[10] *A fol.* 24 tal-proċess.
[11] *A fol.* 25 tal-proċess.
[12] *A fol. 75* tal-proċess.

rari kienet toħroġ, ħlief biex tmur tixtri minn ħwienet fil-viċin u biex tmur sal-Knisja. Hu qal li f'dak iż-żmien, kemm missieru u kif ukoll oħtu Rosina, xebba li baqgħet tgħix mal-ġenituri, kienu jibżgħu meta ommu kienet toħroġ waħedha minħabba li seta' jiġrilha xi ħaġa. Ix-xhud qal li minkejja li ommu kellha d-delizzju tat-tisjir, f'dik is-sena kien innota li missieru u oħtu kienu jinkwetaw anki meta jaraw lil ommu ssajjar minħabba li kienu jibżgħu li setgħet tinsa l-borma fuq in-nar. L-attur kompla jgħid kif waqt dik il-mawra hu kien innota li ommu kienet tistaqsi l-istess domanda diversi drabi matul il-ġurnata, u li meta kien jiġbdilha l-attenzjoni li dik id-domanda diġà staqsitha, hi kienet twieġeb li mhux veru. L-attur qal li waqt dik il-mawra hu nnota diversi drabi li ommu kienet qiegħda tħawwad u tinsa, u konvint li dak iż-żmien ommu diġà kellha l-marda tal-*Alzheimer's.* Fi kliem ix-xhud,

> "Ommi ma kinitx baqgħet l-istess bħas-snin ta' qabel, bdiet tinsa u tħawwad u kien hemm anki episodji fejn kienet issemmi ħafna żmien ċkunitha."

Kompla jgħid li hu reġa' ġie Malta fl-1997, u f'dik is-sena kien innota li ommu kienet marret lura ħafna f'saħħitha, tant li kienet tistaqsih min hu, u drabi oħra kienet titfixklu ma' missieru. Qal ukoll li missieru u oħtu Rosina, li kienet xebba tgħix fid-dar tal-ġenituri, ma kienu jafdawha xejn lil ommu, tant li ma kinux iħalluha toħroġ waħedha. Hu kompla jgħid li reġa' ġie Malta fis-sena 1999, u li din il-btala kien qattagħha fid-dar ma' ommu. Qal li matul dik il-btala seta' jinnota kemm l-istat mentali ta' ommu kien mar lura, tant li kienet tistaqsih jekk kinitx miżżewġa, u kienet tistaqsih ukoll fi x'ħin kienet ser tirritorna lura d-dar, minkejja li kienet tgħix f'darha, għax kien hemm ommha tistenniha. L-attur qal li dak iż-żmien omm ommu kienet ilha mejta aktar minn tletin sena. Qal ukoll li ommu kienet toffrilu ikel u xorb diversi drabi matul il-ġurnata, anki jekk ikun għadu kemm kiel u minkejja li ma kienx ikollha ikel ippreparat. Hu kompla

jgħid li kien ilu żmien jinnota, mill-konverżazzjonijiet li kien ikollu ma' ommu meta kien iċempel Malta, li saħħitha kienet marret lura tant li ġieli waqt it-telefonata kienet tistaqsi lil missieru jew lil oħtu ma' min kienet tkun qiegħda titkellem. Ix-xhud ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li hu jiftakar lil missieru jgħid,

> "Ittradewni, ma bsartx li se jagħmluli hekk." U "Alla ħares jien niġi nieqes qabel ommok għax mhux ħa jieħdu ħsieb ommok."

Hu kkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hu qatt ma staqsa lil missieru x'ried jgħid b'dawk il-kelmiet, għalkemm lilu kien qalhomlu kemm-il darba.

Mart Mario Schembri, **Mary Schembri,** ukoll għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[13] fejn ikkonfermat li minkejja li hi u żewġha kienu jgħixu l-Kanada, żaru Malta għall-btajjel għadd ta' drabi. Qalet li kienu ġew Malta fl-1988 u wara fl-1994, u li dik id-darba kienet indunat li Anna sive Annetta Schembri kienet marret lura ħafna f'saħħitha mid-darba li kienet ratha qabel. Qalet li dik is-sena nnutat li anki r-raġel ta' Annetta u bintha Rosina li kienet tgħix magħha, ma kinux jieħdu gost meta Annetta toħroġ waħedha minħabba li ma kinux jafdawha ħlief sa xi ħanut fil-viċin jew sal-Knisja. Ix-xhud qalet li Annetta lanqas issajjar ma kienet għadha. Ix-xhud qalet li l-istat mentali ta' Annetta kien mar lura ħafna, tant li kienet tirrepeti l-istess ħaġa diversi drabi u ċċitat eżempji meta din kienet toffri l-istess ikel u xorb għadd ta' drabi għax kienet tinsa li tkun għadha kemm offriethom lill-istess persuna. Ix-xhud qalet li hi reġgħet ġiet lura Malta fl-1995, u dik is-sena kienet innutat li l-qagħda mentali ta' Annetta Schembri kienet marret lura ħafna. Hija kompliet tgħid li dik is-sena kienet innutat li kienu jiġu mumenti fejn Annetta Schembri kienet tinqata' f'dinja

[13] *A fol.* 78 tal-proċess.

għaliha, u kienet naqqset ħafna mill-ħruġ barra mid-dar. Ix-xhud qalet li meta staqsiet lir-raġel ta' Annetta, Anthony, u lil bintha Rosina dwar dan, kienu qalulha li mentalment Annetta kienet marret lura ħafna, u li kienu qegħdin jieħdu ħafna paċenzja biha. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li minn btala għall-oħra f'Malta kienu jinnutaw li l-istat mentali ta' Annetta baqa' jmur lura ħafna. Qalet li kull meta żewġha Mario kien iċempel lil ommu, din donnha ma kinitx tgħarfu, tant li xi drabi kienet tistaqsi lil min ikun fil-viċin tagħha ma' min kienet tkun qiegħda titkellem, u li din is-sitwazzjoni kienet ilha għaddejja mill-1994 jew 1995.

Xehed ukoll bil-mezz tal-*affidavit* iben l-attur **Gordon Schembri**[14], li qal li hu jiftakar il-btajjel f'Malta meta kien jara lin-nanniet tiegħu. Ix-xhud qal li kien ġie Malta fl-1994, u li kien innota li n-nanna tiegħu Annetta kienet qiegħda ġġib ruħha b'mod differenti mid-drabi li kien raha qabel, u li kienet tinsa ħafna tant li ripetutament kienet toffrilu l-istess ikel u xorb minkejja li kien jirrifjuta jew jgħidilha li ma jħobbux. Qal ukoll li z-zija tiegħu Rosina li kienet tgħix mal-ġenituri tagħha, spiss kienet tirrimarka kemm kienet għajjiet minħabba l-istat mentali ta' ommha, u l-fatt li din kienet tinsa ħafna. Hu kompla jgħid li fl-1997 hu kien reġa' ġie jara lin-nanniet paterni tiegħu, u f'dik is-sena kien innota kemm saħħet Annetta kienet marret lura, tant li z-zija tiegħu Rosina kienet tgħidlu li kien ikollha tagħmel kollox hi għal ommha minħabba li din kienet tinsa ħafna. Hu semma episodju meta wara li mar jumejn Għawdex u reġa' żar lin-nanna tiegħu, din m'għarfitux, u li waqt li kienu qegħdin jitkellmu saħansitra ippuntat lejn ir-raġel tagħha u bdiet tistaqsi dak min hu. Ix-xhud qal li kull darba li ġie jara lin-nanniet tiegħu, minn dakinhar 'il quddiem hu kien jinnota li n-

[14] *A fol.* 80 tal-proċess.

nanna tiegħu kienet toqgħod bilqiegħda togħrok idejha, mingħajr ma tkellem lil ħadd jew tifhem x'ikun għaddej madwarha.

Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2017 xehed it-**tabib Brian Farrugia**[15], li ntalab jixhed dwar jekk id-defunti Antonio Schembri u Anna sive Annetta Schembri kinux pazjenti tiegħu. Ix-xhud qal li kien hemm forsi żewġ okkażjonijiet jew tlieta li fihom kien mar jara lil Antonio u lil Annetta Schembri d-dar tagħhom, iżda jaf li wara xi żmien dawn kienu rikoverati fir-residenza San Vinċenz. Qal ukoll li meta pprova jikkonsulta r-*records* mediċi tal-koppja Schembri, kien ġie mgħarraf li l-*files* mediċi tagħhom kienu ġew distrutti minħabba li Annetta Schembri kienet ilha mejta aktar minn għaxar snin, u l-*file* ta' Antonio Schembri kien inqered minħabba li kien inżamm f'post fejn daħal ħafna ilma tax-xita.[16] Ix-xhud qal li hu jiftakar li Annetta Schembri kienet tbati ħafna bid-*dementia*, u li l-koppja Schembri kienet tieħu ħsiebhom it-tifla tagħhom. Qal li d-*dementia* ta' Annetta Schembri bdiet żgur qabel l-2008. Madanakollu hu qal li hu ma kienx it-tabib kuranti tal-koppja, u li kienu jibagħtu għalih biss meta ma kinux isibu tabib ieħor.

Fl-istess udjenza xehed ukoll It-**tabib Raymond Sacco**[17], li qal li l-koppja Schembri kienu pazjenti regolari tiegħu. Hu qal li hu dam jara lill-koppja Schembri regolarment mis-sena 1990 sas-sena 2002, meta Annetta Schembri daħlet fir-residenza San Vinċenz. Qal li sakemm hu kien it-tabib kuranti ta' Annetta Schembri, l-istat mentali tagħha kien tajjeb, u meta ġie mistoqsi dwar il-fatt li Dr Brian Farrugia xehed li din kienet tbati bid-*dementia*, ix-xhud qal li jista' jkun li lejn l-aħħar tal-2002 din kienet bdiet tħawwad xi ftit, iżda fis-snin

[15] *A fol.* 82 tal-proċess.
[16] Konferma ta' dan *a fol.* 83 u 84 tal-proċess.
[17] *A fol.* 85 tal-proċess.

kollha li dam jaraha hu, "mentalment, kienet tajba ħafna." Ix-xhud ikkonferma li sakemm dam jara lil Annetta Schembri hu, qatt ma daħallu xi forma ta' dubju li din setgħet kienet qiegħda tbati mid-*dementia*, tant hu hekk li qatt ma taha xi trattament mediku għalhekk. Qal ukoll li hi marret tgħix fir-residenza San Vinċenz minħabba fl-istat fiżiku tagħha mhux minħabba l-istat mentali li kienet fih.

Fl-istess udjenza tal-20 ta' Marzu, 2017 xehed **Lawrence Bugeja**[18], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, li kkonferma li l-*files* mediċi ta' Annetta u ta' Antonio Schembri ma nstabux, il-*file* ta' Annetta kien ġie distrutt minħabba t-trapass ta' għaxar snin mill-mewt tal-persuna, u l-ieħor għax ma kienx ġie maħżun f'post tajjeb u kien ixxarrab bix-xita.

Il-konvenuta **Rosina Schembri** xehdet fl-udjenza tal-24 ta' April, 2017[19] u qalet li sal-1998 hija kienet taħdem fuq bażi *full-time,* u kienet toħroġ għax-xogħol fis-sebgħa ta' filgħodu u tirritorna lura d-dar fis-sitta ta' filgħaxija. Qalet li l-istat ta' saħħa ta' ommha kien wieħed normali, u li hi kienet tħalli lil ommha waħedha għall-ħin kollu li fih tkun xogħol, u li f'dan il-ħin ommha kienet issajjar, tmur tixtri, u toħroġ għall-quddies. Qalet ukoll li hi kienet waqfet mix-xogħol minħabba li nbidlilha x-xogħol u ġiet affetwatha f'saħħitha, mhux minħabba l-istat ta' saħħa tal-ġenituri tagħha. Il-konvenuta Rosina Schembri qalet li sal-1998 ommha kienet fi stat tajjeb ta' saħħa. Hi rreferiet għax-xhieda li ta ħuha Mario u martu Mary, fejn dawn qalu li l-omm, Annetta, kienet il-ħin kollu taħsel idejha, u qalet li ommha kienet tagħmel dan mhux għax kienet tinsa li tkun ħaslet idejha ftit qabel, iżda għaliex kienet tħoss tnemnim f'idejha u kienet tgħid li meta taħsilhom tħossha aħjar. Qalet ukoll li ommha kienet fi

[18] *A fol.* 87 tal-proċess.
[19] *A fol.* 91 tal-proċess.

stat tajjeb tant li filgħodu hi kienet tqajjimha għax-xogħol, u li l-ġenituri tagħha kienu jsajru u jagħmlu kollox waħedhom fil-ħin kollu li hi ma tkunx id-dar. Hi qalet li ommha mietet fl-2004 ta' ħamsa u tmenin (85) sena, u missierha miet fl-2007 ta' disgħa u tmenin (89) sena. Qalet li ommha marret tgħix San Vinċenz fl-2002, filwaqt li missierha mar jgħix hemm fl-2004. Rosina Schembri rreferiet għal ħuha Mario u qalet li dan ma tantx kien jiġi Malta, u li minkejja li l-mara tiegħu Mary kienet tiġi Malta aktar spiss minnu, din ma tantx kienet tmur tara lill-ġenituri tar-raġel spiss. Ix-xhud qalet li anki t-tfal ta' ħuha ma tantx kienu jiġu jaraw lill-ġenituri tagħha meta jkunu Malta, u dan minħabba li kienu jippreferu jmorru Għawdex fejn kellhom kuġini u qraba tal-età tagħhom. Qalet ukoll li mhux minnu li meta dawn kienu jiġu Malta, ommha ma kinitx tagħrafhom.

Il-konvenuti esebew *affidavit* tan-**nutar Mario Bugeja**[20], li qal li meta l-konjugi Anthony u Annetta Schembri marru għandu biex jagħmlu t-testment tad-19 ta' Jannar, 1995 u tas-16 ta' April, 1996, huma kienu f'sensihom u kienu jafu x'inhuma jagħmlu.

Il-konvenuta **Rosina Schembri** kompliet tixhed fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2017[21], fejn qalet li fis-snin 1994, 1995, is-snin li fihom saru t-testmenti li l-atturi qegħdin jittentaw jimpunjaw, il-ġenituri tagħha kienu 'normalissimi', u li kienu jqattgħu ġranet u iljieli sħaħ waħedhom, u kienu jagħmlu kollox waħedhom. Ix-xhud qalet li sal-2002, ommha kienet għadha d-dar, u li l-uniku ilment fiżiku li kellha kien il-fatt li jdejha kienu jnemnmu u li kienet taħsilhom spiss minħabba li kienet tgħid li tħossha aħjar. Il-konvenuta Rosina Schembri

[20] *A fol.* 95 tal-proċess.
[21] *A fol.* 97 tal-proċess.

kkonfermat li sal-1998, hi kienet għadha taħdem, u li ommha f'dak iż-żmien kienet issajjar hi, tant li meta tmur id-dar hi kienet issib kollox lest.

Ġew esebiti wkoll *affidavits* Maryann Schembri u ta' żewġha l-konvenut Rocco Schembri**,** it-tnejn li huma residenti l-Kanada.[22] **Maryann Schembri** qalet illi hi u r-raġel tagħha ġew Malta għadd ta' drabi, fosthom fl-1987, fl-1989, fl-1992, fl-1995, fl-1997, fl-1998 u fl-2000. Ix-xhud ikkonfermat li Annetta Schembri kienet tħobb lil uliedha kollha, iżda kienet tinkwieta partikolarment dwar Rosina, li kienet xebba, u kienet tgħid li ma kinitx taf x'ser jiġri minn Rosina ladarba huma jiġu neqsin. Ix-xhud qalet li d-defunti Antonio u Annetta Schembri xtaqu li jħallu lil binthom Rosina komda meta jiġu neqsin huma, u li kien għalhekk li huma kienu għamlu d-dispożizzjonijiet testamentarji li għamlu, fejn ħallew lil Rosina sehem akbar minn ħutha mill-patrimonju tagħhom, kif ukoll l-użu u l-użufrutt tad-dar matrimonjali tagħhom. Ix-xhud qalet li l-unika raġuni għaliex Annetta Schembri kienet għamlet salib minflok firma fit-testment tal-1999 kienet minħabba l-problemi ta' tnemnim li kellha f'idejha. Qalet ukoll li minkejja li Annetta kienet tieħu gost biż-żjajjar ta' wliedha, inkluż tal-familja ta' Mario Schembri, kienet tikkonfondi ħafna meta dawn kienu jmorru għandha minħabba li dawn kienu jirrifjutaw ħafna mill-ikel li kienet tipprepara u kien ikollha problema biex tippreparalhom l-ikel li jħobbu huma. Ix-xhud ikkonfermat li l-ewwel darba li hi indunat li Annetta kellha xi problemi f'saħħitha kien fis-sena 2000, meta x-xhud ġiet għal żjara f'Malta flimkien mal-familja tagħha, u nnutat li Annetta kienet tistaqsi l-istess affarijiet. Qalet ukoll li f'dak iż-żmien Annetta kienet għadha tagħraf lil kulħadd, għalkemm kienet tirrepeti. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li meta hi reġgħet ġiet f'Malta flimkien

---

[22] *A fol.* 108 u 111 tal-proċess.

mar-raġel tagħha f'Settembru tal-2001, huma kienu indunaw li Annetta kienet marret lura ħafna, tant li kienet tgħidilhom li wiċċhom kien familjari għaliha, għalkemm ma kinitx taf min huma.

**Rocco Schembri**, iben id-defunti Antonio u Annetta Schembri, ikkonferma fl-*affidavit* tiegħu li hu ġie Malta sabiex iżur lill-ġenituri tiegħu diversi drabi u li kull darba li ġie kien iqatta' madwar xahrejn jew tliet xhur jgħix magħhom. Qal ukoll li kien xtara post viċin id-dar tal-ġenituri tiegħu sabiex ikun viċin tagħhom, u fis-snin kollha li ġie Malta, hu qatt ma ltaqa' mal-familja ta' ħuh Mario. Qal ukoll li kuntrarjament għal dak allegat minn ħuh u l-mara tiegħu, fid-dar tal-ġenituri tagħhom dejjem kien ikun hemm provvista tajba ta' ikel, u li l-ġenituri tiegħu kienu jsajru ħafna. Qal ukoll li fiż-żjajjar kollha li kien jagħmel f'Malta, lil ommu rari kien iħajjarha toħroġ miegħu u mal-familja tiegħu, minħabba li kienet tinkwieta li tħalli lir-raġel tagħha waħdu d-dar. Ix-xhud semma' episodju partikolari meta f'Lulju tal-1989 ulied Antonio u Annetta Schembri kienu ftiehmu kollha li jiltaqgħu f'Malta sabiex jiċċelebraw il-ħamsin anniversarju miż-żwieġ tal-ġenituri tagħhom. Qal ukoll li dik is-sena ħuh Mario kien infurmahom li ma kienx ġej Malta, u r-raġuni li ta kienet li l-anniversarju tal-ġenituri tagħhom kien f'April u mhux f'Lulju meta setgħu jiltaqgħu l-aħwa kollha. Ix-xhud qal li din l-imġiba kienet tindika li Mario ma xtaqx li jikkuntenta lill-ġenituri tiegħu sabiex għal darba oħra f'ħajjithom jaraw lil uliedhom kollha flimkien. Il-konvenut Rocco Schembri kompla jgħid li fiż-żjajjar kollha li hu għamel f'Malta sas-sena 1999, hu qatt ma ngħata xi indikazzjoni minn missieru u minn oħtu li l-kundizzjoni ta' saħħet ommu kienet sejra għall-agħar. Qal li kien fis-sena 2000 li hu nnota li ommu kienet tirrepeti l-istess domandi. Qal ukoll li meta reġa' ġie Malta fl-2001, ommu mhux dejjem kienet tagħraf min hu.

Rocco Schembri staqsa jekk b'dak li qal Mario Schembri fix-xhieda tiegħu, li missieru kien qallu li jekk jiġi nieqes qabel ommu, ħutu ma kinux ser jieħdu ħsieb ommu, riedx ifisser li missieru kien qiegħed jitlef il-fakultajiet mentali tiegħu ukoll. Qal li missieru baqa' f'sensih sal-ġurnata li miet, u li fis-snin kollha li ommu u missieru kienu residenti ġewwa San Vinċenz, oħtu l-konvenuta Rosina Schembri kienet tmur tarahom kuljum. Hu spjega li Antonio u Annetta Schembri, kellhom ħames minn għaxar ulied jgħixu barra minn Malta, u li għalhekk dawn ftit setgħu ikunu ta' għajnuna għall-ġenituri tagħhom. Ix-xhud wera l-fehma li l-uniku wieħed minn ulied Antonio u Annetta Schembri li ttradixxa lill-ġenituri tiegħu kien l-attur Mario Schembri li nieda dawn il-proċeduri sabiex ix-xewqat tal-ġenituri tagħhom ma jiġux onorati.

Il-kontroeżamijiet ta' Mario Schembri, ta' Mary Schembri u ta' Gordon Schembri saru bil-mezz tal-iSkype f'seduta li nżammet nhar it-12 ta' Frar, 2018. L-attur **Mario Schembri**[23] qal li hu kien ġie Malta fl-1994 u kien qatta' madwar għaxart ijiem jgħix mal-ġenituri tiegħu. Qal li oħtu Rosina kienet għadha taħdem dak iż-żmien. Qal li hu kien joħroġ u ħafna drabi kien jiekol barra, u b'hekk ma jafx min kien isajjar. Qal biss li ommu ma kinitx issajjar minħabba li moħħha ma kienx tajjeb. Qal li meta reġa' ġie Malta fl-1997 u fl-1999 kien innota li ommu kienet marret lura ħafna.

**Gordon Schembri**[24] qal li hu ġie Malta diversi drabi bejn l-1990 u l-2000, u li minkejja li kien jippreferi jmur joqgħod Għawdex, kien jinżel ġranet sħaħ għand in-nanna paterna tiegħu. Qal li fl-1994 iz-zija tiegħu Rosina kienet qaltlu li ommha kienet saret tinsa, tant li ma kinitx tħalliha tmur il-Knisja waħedha minħabba l-biżgħa li titlef it-triq. Ix-xhud ma setax jiftakar jekk f'dak iż-żmien,

[23] *A fol.* 117 tal-proċess
[24] *A fol.* 118 tal-proċess.

zitu kinitx tkun il-ħin kollu d-dar tal-ġenituri tagħha. Qal li hu ma jiftakarx li nanntu kellha xi kundizzjoni medika oħra għajr għall-fatt li kienet tinsa ħafna.

**Mary Schembri** in kontroeżami qalet[25] li filwaqt li Annetta Schembri kienet għarfithom fis-sena 1994, fis-sena 1995 din m'għarfitx lil bint ix-xhud, Charlene. Qalet li fl-1999 hi nnutat li Annetta Schembri kienet marret lura ħafna.

Il-kontroeżamijiet ta' Rocco Schembri u ta' MaryAnn Schembri saru fl-24 ta' Mejju, 2018 bil-mezz tal-iSkype. **Rocco Schembri**[26] qal li sa fejn jiftakar hu, iż-żjajjar tiegħu f'Malta qatt ma kkoinċidew ma' dawk ta' ħuh. Hu qal li mhux minnu li missieru kien iħoss li jekk imut qabel l-omm, din kienet tiġi abbandunata. Qal li oħtu Rosina kienet iżżur lill-ġenituri tagħhom kuljum għal ħames snin u nofs, u li hu jaf dan minħabba li kien qallu missieru.

**MaryAnn Schembri**[27] min-naħa tagħha qalet li hi ġieli rat lil ulied Mario Schembri u lil Mary Schembri Malta waqt il-btajjel tagħhom, iżda lil Mario qatt ma ratu. Qalet ukoll li hi qatt ma nnutat xi tibdil fil-personalità ta' Annetta Schembri.

## Konsiderazzjonijiet legali

Id-deċiżjoni li qiegħda tintalab tagħti din il-Qorti f'din il-kawża hija dwar jekk iż-żewġ testmenti magħmula mill-konjugi Antonio u Anna sive Annetta Schembri fid-19 ta' Jannar, 1995 u fis-16 ta' April, 1996, it-tnejn fl-atti tan-nutar Mario Bugeja, humiex nulli jew le, in vista tal-allegazzjoni ewlenija li qiegħda ssir mill-

[25] *A fol.* 119 tal-proċess.
[26] *A fol.* 120 tal-proċess.
[27] *A fol.* 120 *retro* tal-proċess.

attur Mario Schembri li ommu Anna sive Annetta Schembri kienet affettwata mill-marda tal-*Alzheimer's Disease* fis-snin li fihom saru dawn it-testmenti, u għalhekk dawn it-testmenti għandhom jiġu ddikjarati nulli minħabba li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità rikjesta mil-liġi sabiex tiddisponi mill-beni tagħha permezz ta' testment. Ta' min jirrileva li fiż-żewġ testmenti inkwistjoni, it-tnejn li huma *unica charta*, il-konjugi Antonio u Anna sive Annetta Schembri ħallew dispożizzjonijiet testamentarji li permezz tagħhom ikkonferew favur binthom xebba, il-konvenuta Rosina, sehem akbar minn dak li kkonferew lil ħutha, u dan billi filwaqt li fit-testment tad-19 ta' Jannar, 1995, huma ħassru kull testment preċedenti magħmul minnhom, ħallew lis-superstiti fosthom legat tal-użu u l-użufrutt u t-tgawdija tal-beni kollha tagħhom, filwaqt li permezz tat-Tielet Artikolu tal-istess testment huma nnominaw eredi universali u padruni assoluti ta' ġidhom kollu għal wara mewthom lil binthom Rosina fi kwota ta' żewġ partijiet minn ħdax-il parti indiviża (2/11), u lil uliedhom l-oħra kollha fi kwoti ugwali bejniethom ta' parti waħda minn ħdax (1/11). Bis-saħħa tas-Sitt Artikolu ta' dan it-testment, id-defunti konjugi Schembri ħallew lil binthom Rosina b'legat l-użu u l-abitazzjoni u l-użufrutt tal-fond bl-isem 'Faith House', Qrendi Road, Żurrieq, b'dak kollu li hemm fih. Fit-testment sussegwenti, dak tas-16 ta' April, 1996, li wkoll qiegħed jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proċeduri, il-konjugi Schembri ħassru t-Tielet Artikolu tat-testment tad-19 ta' Jannar, 1995, u minflok iddisponew illi Rosina Schembri għandha tiġi nnominata eredi universali u padruna assoluta ta' ġidhom kollu fil-kwota ta' terz (1/3), filwaqt li ħallew lil uliedhom l-oħra bejniethom ir-rimanenti żewġ terzi (2/3) tal-beni tagħhom.

L-attur jiċċita bħala kawżali ta' nullità l-istat mentali li kienet fih id-defunta Anna sive Annetta Schembri, u jgħid li din diġà kienet qiegħda turi l-ewwel

sintomi ta' *dementia* fl-1994, liema sintomi hu nnota waqt li kien għall-btala f'Malta, u per konsegwenza jgħid li t-testmenti li saru fl-1995 u fl-1996 għandhom jiġu ddikjarati nulli stante li l-istat mentali tat-testatriċi baqa' jiddeġenera minn sena għal sena. Dak li allega l-attur kien sostnut ukoll minn martu, li qalet li hi osservat differenza bejn l-istat ta' saħħa ta' Anna sive Annetta Schembri fl-1988 u fl-1994, is-sena li fiha Mario u martu Mary reġgħu ġew Malta. L-attur wera ruħu konvint li ommu kienet diġà qiegħda tbati mill-kundizzjoni tal-*Alzheimer's Disease* minħabba li skont hu din kienet tirrepeti ħafna, u kienu jiġu mumenti fejn ommu kienet tistaqsi domandi li r-risposti għalihom kellha tkun tafhom li kieku kienet fi stat mentali tajjeb.

Prova oġġettiva ta' dak allegat mill-attur, sfortunatament ma setgħetx tinġieb, u dan minħabba li r-*records* mediċi tat-testaturi Schembri ġew distrutti għal raġunijiet varji. Madanakollu tressqu jixhdu żewġ tobba dwar l-istat mentali tat-testatriċi fiż-żmien li fih għamlet it-testmenti inkwistjoni. It-tabib Brian Farrugia xehed li minkejja li hu kien żar lil Anna Schembri darbtejn jew tlieta biss, u x'aktarx li r-raġuni għalfejn il-koppja Schembri kienu bagħtu għalih kienet minħabba li ma sabux lit-tabib kuranti tagħhom f'dawk id-drabi, hu ftakar li lejn is-sena 2002, ftit taż-żmien qabel Anna Schembri marret fir-residenza San Vinċenz, it-testatriċi Anna Schembri kienet tinsa u kellha problemi ta' *dementia*. Dan ix-xhud qal ukoll li minn dak li seta' josserva, bintha Rosina kienet tassigura li ommha tkun miżmuma tajjeb u li ma jkun jonqosha xejn.

Din ix-xhieda kienet kontradetta minn dak li xehed it-tabib kuranti tat-testaturi, Dr Raymond Sacco, li qal li hu kien ilu jsegwi lil Antonio u lil Anna sive Annetta Schembri fuq medda ta' snin, u li qatt ma kellu għalfejn jissuspetta jew jaħseb li

Anna Schembri kienet qiegħda tbati bid-*dementia*, tant li lanqas qatt ma ħass il-ħtieġa li jagħti trattament għal din il-kundizzjoni. Qal li baqa' jsegwi lill-koppja Schembri sakemm dawn marru jgħixu f'San Vinċenz.

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel parentesi żgħira dwar il-fatt li hi rinfaċċjata b'xhieda li jikkontradiċu lil xulxin, xi ħaġa li spiss isseħħ f'kawżi fejn każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi. Dwar din it-tip ta' sitwazzjoni ngħad hekk f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[28]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod fis-sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[29], il-Qorti rriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[30]

[28] P.A., 30.10.2003.
[29] Appell, 06.05.2011.
[30] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[31], il-Qorti kkonkludiet:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Il-Qorti kkonsidrat il-provi li tressqu fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali rigward il-piż li għandu jingħata lil provi li jkunu dijametrikament opposti għal xulxin. Tqis li ż-żewġ tobba li tressqu biex jiddeponu f'dawn il-proċeduri, it-tnejn ikkonfermaw li t-testaturi Schembri kienu ndukrati tajjeb, u li l-persuna li kienet tieħu ħsiebhom kienet binthom

[31] P.A., 28.04.2004.

Rosina. Ma qablux bejniethom dwar jekk it-testatriċi Anna sive Annetta Schembri kinitx affettwata mill-marda tad-d*ementia*, u filwaqt li t-tabib Brian Farrugia, li kien żar lit-testaturi Schembri minn darbtejn sa tlieta b'kollox, qal li t-testatriċi kellha *dementia* qawwija fiż-żmien li fih mar jaraha hu ftit qabel daħlet fir-residenza San Vinċenz, fl-2002, it-tabib Raymond Sacco qal li hu qatt ma ġieħ l-iċken dubju dwar l-istat mentali tat-testatriċi, pazjenta tiegħu għal għadd konsiderevoli ta' snin, u li kieku hu kien jaħseb li din setgħet kienet qiegħda tbati mid-*dementia*, kien jagħtiha t-trattament għal din il-kondizzjoni, xi ħaġa li qatt ma għamel. Madanakollu huwa kkonferma li fiż-żmien ta' qabel it-testatriċi daħlet fir-residenza San Vinċenz, hi kienet bdiet tmur lura mentalment, għalkemm dan kien fis-sena 2002.

Il-Qorti kkonsidrat dak li xehed in-nutar Mario Bugeja li qal li sa fejn seta' jara hu, Anna sive Annetta Schembri kienet fi stat mentali tali li setgħet tagħmel dispożizzjonijiet testamentarji. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li xehdet Rosina Schembri, li qalet li sas-sena 1998 hi kienet għadha taħdem *full-time,* kienet tqatta' ħin konsiderevoli bogħod mid-dar u li f'dan il-ħin l-ġenituri tagħha kienu jkunu waħedhom. Ġie kkonsidrat ukoll li dak li xehdet Mary Schembri, mart l-attur, li osservat li t-testatriċi Anna sive Annetta Schembri kienet marret lura f'saħħitha bejn is-snin 1988 u meta reġgħet ratha fis-sena 1994, li jfisser li fuq medda ta' sitt snin saħħet it-testatriċi marret lura. Il-Qorti kkonsidrat li hu minn ewl id-dinja u hija ħaġa normalissima u mill-aktar mistennija li persuna li tkun qabżet l-età ta' sebgħin sena tibda tiddeterjora f'saħħitha b'tali mod li l-kambjament f'saħħitha jkun wieħed li jista' jiġi nnutat fuq persuna li wieħed ikun ilu ma jaraha sitt snin. Ġie kkonsidrat ukoll li hu ferm verosimili li f'sitwazzjonijiet bħal dawn meta t-testaturi jkunu ġenituri ta' tfal li ma jiżżewġux, u li jkunu daru bihom għal għadd ta' snin, il-ġenituri jħossu li

għandhom jippremjaw lil dawn l-ulied permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji fejn jassiguraw li dawn l-ulied la jiġu mċaħħda mis-saqaf ta' fuq rashom, u lanqas ma jispiċċaw f'sitwazzjoni fejn ma jiħdux kumpens finanzjarju għas-snin twal ta' servizz li jkunu taw lill-ġenituri tagħhom.

Il-Qorti semgħet liż-żewġ tobba li xehdu fil-kawża, jikkonfermaw li t-testaturi Schembri kienu ndukrati tajjeb minn binthom Rosina. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li ħames ulied minn għaxra li kellhom it-testaturi jirrisjedu barra, filwaqt li għajr għal Rosina, li baqgħet xebba, l-ulied l-oħrajn ta' Antonio u Anna sive Annetta Schembri kienu miżżewġin u għalhekk ta' bilfors li l-piż tal-ħarsien tal-ġenituri anzjani tal-partijiet fil-kawża waqa' fuq il-konvenuta Rosina li baqgħet tgħix mal-ġenituri tagħha. Irriżulta wkoll li tmienja minn għaxar ulied it-testaturi rrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti fir-rigward tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u ma sabu l-ebda oġġezzjoni jirrispettaw id-dispożizzjonijiet testamentarji mħollija mill-ġenituri tagħhom aktarx għaliex huma wkoll jirrikonoxxu li oħthom Rosina għamlet snin twal tieħu ħsieb il-ġenituri tagħha bl-aħjar mod li setgħet, u saħansitra wara li dawn marru jgħixu fir-residenza San Vinċenz, din baqgħet iżżurhom ta' kuljum.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li qalu l-Qrati tagħna f'deċiżjonijiet fejn it-talbiet kienu simili għal dawk odjerni. F'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Carmen Micallef et *vs.* Madalena Galea et**[32], il-Qorti ċċitat id-dispost tal-artikolu 588 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi illi:

> "It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jiġi mħassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-liġi, tiddisponi, għaż-żmien ta' wara mewtha, mill-ħwejjeġ tagħha kollha jew minn biċċa minnhom."

[32] P.A. 10.04.2013

...

Din hi bażikament id-definizzjoni mogħtija minn Modestinus *'Voluntatis nostrae justa sententia de eo quod quis post mortem suam fieri voluit.'* Din hija ħaġa tant importanti li infatti t-Toullier fil-**Commentaria del Codice Civile,** Vol. V, S. 343 li jirrileva li wara r-reliġjon, it-testment huwa l-akbar konfort għall-persuna li tkun waslet biex tmut. Fil-fatt il-kelma stess ta' testment hija bażata fuq moħħ luċidu ossia *testatio mentis.* Liġijiet differenti jippreskrivu limitazzjonijiet fuq il-forma u l-kundizzjonijiet tal-possibilità li tagħmel testment.

...

Naturalment il-kapaċità testamentarja hija r-regola, l-inkapaċità tkun l-eċċezzjoni u din hija preżunzjoni li għandha tissussisti sakemm il-persuna li tipprova timpunja testment ma ġġibx provi sodisfaċenti kuntrarji. Infatti l-fatt li t-testatur ikun qed ibati minn xi diżordni mentali mhix suffiċjenti biex twaqqa' testment għax hemm ukoll li ħafna diżordnijiet mentali jkollhom mumenti jew perijodi ta' luċidità. Hu neċessarju li kull każ jiġi eżaminat fuq il-fattispeċji partikolari."

F'din is-sentenza wkoll il-Qorti qieset li aspett importanti li għandu jiġi kkonsidrat mill-Qrati tagħna fi kwistjonijiet simili għal dik odjerna, hija r-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji, u f'dan is-sens, il-Qorti għamlet riferiment għas-sentenzi fl-ismijiet **Vassallo *vs.* Sammut**[33], u **Formosa *vs.* Axiak**[34], u kompliet tgħid hekk:

"Spiss ġie ritenut li jekk il-kontenut ta' testment huwa raġjonevoli, wieħed kellu jippreżumi li t-testatur kien f'sensih meta għamel it-testment, filwaqt li jekk il-kontenut ma kienx raġonevoli, din hija prova li t-testatur ma kienx f'sensih. Kien għalhekk li l-Qrati rritenew li anki persuna li tbati minn diżordni mentali xorta jkollha d-dritt tagħmel testment.

Fi **Grech *vs.* Dimech**[35], ingħad:

[33] Vol. XXXIV Pt. 1 pg. 108.
[34] Vol. XXX Pt. 1 pg. 176.
[35] XIV – 180 – 406.

*"Atteso che, secondo la legge, per determinare se la debolezza di mente sia a tale grado da doversi annullari gli atti della vita civile, in essa compiuti, devesi distinguere tra la varia indola e importanza degli atti medesimi; per il testamento non è richiesta una menta perfettamente rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa, e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori per dedurne la capacità od incapacità di testare si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie."*

L-istess prinċipju jassumi aktar importanza meta r-razzjonalità tad-dispożizzjonijiet testamentarji huma wkoll motivati:

Fi **Grech *vs.* Dimech**[36], ingħad:

*"Il miglior criterio per stabilire la sanità della mente del testatore, sono al certo la ragionevolezza delle sue disposizione, specialmente quando queste sono accompagnate dalla espressione delle ragioni date dal testatore nell'atto della fazione del testamento al funzionario incaricato della sua redazione, le quali si riconoscessero ragionevoli e savie."*

F'**Cassar *vs.* Cassar**[37], ingħad:

*"Il miglior criterio sulla capacità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni riconosciuti poi ragionevoli e savie."*

Anqas hu neċessarju li jiġi ppruvat li kien hemm ġiusta kawża fid-dispożizzjonijiet, basta tali dispożizzjonijiet huma razzjonali. Infatti f'**Pirotta *vs.* Carbonaro**[38], ingħad: "*Uno dei criteri della sanità mentale del testatore è la ragionevolezza delle sue disposizioni e nella disposizione testamentarie non è necessaria la prova di una giusta causa.*"

Fis-sentenza ċċitata l-Qorti osservat ukoll li jekk id-dispożizzjonijiet imħollija f'testment jitqiesu li mhumiex razzjonali, dan normalment iwassal għall-konklużjoni li testatur ma kienx f'sensih fil-mument li fih għamel it-testment,

[36] XV-55-95.
[37] Vol. XXVIII, Pt. 11, P. 393.
[38] Vol. XXII, Pt. 1, P. 88.

għalkemm il-Qorti osservat ukoll li l-kontra mhux neċessarjament għandu jwassal għall-konklużjoni li t-testatur kien f'sensih:

"Għalhekk it-teorija tar-razzjonalità tad-dispożizzjonijiet testamentarji spiss mhix suffiċjenti biex wieħed jikkonkludi l-validità ta' testment. Ta' min jinnota li l-istess leġislatur ma nkludiex dan bħala waħda mill-kundizzjonijiet fl-artikolu 597. Inoltre f'testment *unica charta* jista' jkollok testatur wieħed li ma jkunx f'sensih."

Fis-sentenza appena ċċitata, il-Qorti għamlet riferiment ampju għal diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna, fosthom għal dak li kellha xi tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Bonavia vs Bonavia**[39]:

"Hekk huwa inkapaċi min fil-waqt tat-testment minħabba infermità mentali ma jkollux intendiment u volontà, u b'dan il-mod it-testment ma jkunx jirrispekkja l-koxxjenza u l-volontà tat-testatur. ... Jekk qatt għandu jkun hemm xi prekonċett, jekk dan huwa il-vokabolu korrett, dan huwa biss il-preżunzjoni tal-kapaċità, salva il-prova kontrarja li però għandha tkun, kif fuq intqal, rigoruża."

Abbażi ta' dawn l-insenjamenti, il-Qorti fis-sentenza appena ċċitata, siltet is-segwenti konklużjonijiet dwar il-kapaċità ta' testatur:

"1. Li l-inkapaċità testamentarja hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni;[40] għalhekk l-inkapaċità jekk ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testment ma jistax jiġi mħassar; biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi;

[39] P.A., 20.10.1971.

[40] Sentenza oħra li sostniet dan il-punt hija **Joseph Vassallo et *vs.* Avv. Dr Victor R. Sammut** (Appell 24.04.1950), fejn il-Qorti qalet hekk: "Għalhekk il-preżunzjoni *juris tantum*, hija li min jagħmel testment huwa kapaċi biex jiddisponi mill-beni tiegħu, salva l-prova kuntrarja li trid issir minn min jaġixxi għall-impunjazzjoni tat-testment."

2. Li a tenur tal-Kap. 16 art. 597 (d) huma inkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li għalkemm mhux interdetti ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment;[41]

3. Meta testatur jagħmel testment irid jifhem l-effetti tat-testment, in-natura u l-valur tal-proprjetà li qiegħed jiddisponi minnha, min huma l-qraba, il-ħbieb u nies li ħaqqhom jibbenefikaw mill-proprjetà tiegħu kif ukoll li japprezza u jikkompara dak li għandu jħalli lil kull wieħed u waħda minnhom;

4. Li testatur ikollu intellett u volontà li jifhem l-azzjonijiet li jkunu qed jeżerċitaw in-nies ta' madwaru u għandu l-kapaċità li jilħaq intenzjonijiet speċifiċi;

5. Ir-razzjonalità tal-kontenut tat-testment mhux biżżejjed biex juri li hemm kapaċità testamentarja iżda n-nuqqas ta' razzjonalità spiss twassal għall-konklużjoni li t-testatur ma kellux *sound mind*;

6. Li biex wieħed jagħmel testment ma hemmx bżonn "*una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" (*sentenza tal-**Qorti** tal-Kassazzjoni ta' Turin tal-4 ta' Frar, 1871)".

Il-Qorti tqis illi ma hemm xejn fid-dispożizzjonijiet testamentarji li qegħdin jiġu attakkati li jista' jitqies li mhux raġonevoli, jew li t-testatriċi kienet affetta minn xi diżordni mentali meta għamlet it-testmenti li qegħdin jiġu impunjati mill-attur. Barra minn hekk, ġie kkonsidrat ukoll li dawn it-testmenti huma testmenti *unica charta,* li saru mill-ġenituri tal-partijiet flimkien. Ma jirriżultax li wara l-mewt tat-testatriċi Anna sive Annetta Schembri, il-missier, Antonio bidel jew varja d-dispożizzjonijiet testamentarji f'dawn it-testmenti b'xi mod, u dan minkejja l-allegazzjoni li għamel l-attur li missieru kien qallu li safa ttradut. Ma

[41] L-artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili ġie emendat bl-Att II tal-2012, u l-kliem "ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment" ġie sostitwiti bil-kliem "ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment".

saret l-ebda allegazzjoni, tul dawn il-proċeduri, li l-missier kellu xi forma ta' infermità mentali jew fiżika, u għalhekk il-Qorti qiegħda tqis li m'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn it-testmenti għandhom jiġu ddikjarati nulli stante li mill-provi la jirriżulta li fil-mument meta saru dawn it-testmenti t-testatriċi ma kinitx fil-pussess tal-fakultajiet mentali tagħha, u lanqas ma jirriżulta li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux raġonevoli.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

Moqrija.